DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (Ue) 2020/1531 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Ottubru 2020

li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Bini u t-Tħaddim minn Konċessjonarji Privati ta' Channel Fixed Link

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) It-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Bini u t-Tħaddim minn Konċessjonarji Privati ta' Channel Fixed Link, iffirmat f'Canterbury fit-12 ta' Frar 1986 ("it-Trattat ta' Canterbury"), stabbilixxa Kummissjoni Intergovernattiva biex tissorvelja l-kwistjonijiet kollha dwar il-bini u t-tħaddim taċ-Channel Fixed Link ("il-Kummissjoni Intergovernattiva").

(2) Sat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([3]) ("il-perjodu ta' tranżizzjoni"), il-Kummissjoni Intergovernattiva hija korp fdat minn diversi Stati Membri bil-kompiti li jirrigwardaw is-sikurezza ferrovjarja b'rabta maċ-Channel Fixed Link. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Intergovernattiva għalhekk tikkostitwixxi l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza fis-sens tad-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). F'dik il-kapaċità, hija tapplika d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni rilevanti għas-sikurezza ferrovjarja u, taħt id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), għall-interoperabbiltà ferrovjarja.

(3) Fit-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Kummissjoni Intergovernattiva se ssir korp stabbilit permezz ta' ftehim internazzjonali bejn Stat Membru, jiġifieri Franza, u pajjiż terz, jiġifieri r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit"). Barra minn hekk, u sakemm ma jiġix previst mod ieħor fi ftehim internazzjonali li jorbot lir-Renju Unit, id-dritt tal-Unjoni mhuwiex se jibqa' japplika għall-parti taċ-Channel Fixed Link taħt il-ġuriżdizzjoni tar-Renju Unit.

(4) Ftehim internazzjonali ma' pajjiż terz rigward l-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabilità ferrovjarja f'sitwazzjonijiet transfruntieri x'aktarx li jaffettwa qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kopert mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798. Għalhekk, kwalunkwe tali ftehim jaqa' taħt il-kompetenza

([1]) Opinjoni tas-16 ta' Settembru 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2020
([3]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.
([4]) Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).
([5]) Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).
([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw, jew jikkonkludu, tali ftehim biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex jagħmlu dan. Minħabba l-interazzjoni ma' leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, huwa wkoll meħtieġ għal tali għoti ta' setgħa li hija tingħata mill-leġiżlatur tal-Unjoni f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 91 TFUE.

(5) Permezz ta' ittra tas-16 ta' Lulju 2020, Franza talbet mill-Unjoni s-setgħa li tinnegozja u tikkonkludi mar-Renju Unit ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat ta' Canterbury.

(6) Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur u effiċjenti taċ-Channel Fixed Link, huwa adatt li l-Kummissjoni Intergovernattiva tinżamm bħala l-unika awtorità tas-sikurezza responsabbli għal dik l-infrastruttura kollha kemm hi. Meta titqies il-pożizzjoni speċjali taċ-Channel Fixed Link bħala konnessjoni ferrovjarja li tinvolvi struttura unika u kumplessa tal-inġinerija li tinsab parzjalment fit-territorju ta' Franza u parzjalment fit-territorju ta' pajjiż terz, jixraq li Franza tingħata s-setgħa biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali mar-Renju Unit fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar is-sikurezza ferrovjarja għaċ-Channel Fixed Link sabiex jinżamm reġim unifikat tas-sikurezza, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(7) Il-Kummissjoni Intergovernattiva hija kapaċi tissodisfa r-rwol ta' awtorità nazzjonali tas-sikurezza responsabbli għall-parti taċ-Channel Fixed Link taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Franza, diment li tiġi emendata d-Direttiva (UE) 2016/798 u li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni Intergovernattiva tapplika l-istess regoli għaċ-Channel Fixed Link kollu. Dawk ir-regoli jenħtieġ li jkunu d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/796 u d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, kif emendati jew sostitwiti, kif ukoll l-atti adottati abbażi ta' dawk l-atti legali.

(9) F'konformità mat-Trattat ta' Canterbury, tilwim li jinqala' bejn Franza u r-Renju Unit relatat mal-interpretazzjoni jew mal-applikazzjoni ta' dak it-Trattat għandu jiġi riżolt minn tribunal arbitrali. Fejn tali tilwim iqajjem kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li t-tribunal arbitrali jitlob deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja") dwar tali kwistjonijiet u jenħtieġ li jkun marbut bid-deċiżjoni tagħha.

(10) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi rigward l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-parti taċ-Channel Fixed Link taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Franza, sabiex jiġi żgurat li d-dritt tal-Unjoni jiġi implimentat b'mod korrett f'kull ħin u li l-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-applikazzjoni tiegħu taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluż f'ċirkustanzi ta' urġenza jew f'każ li l-Kummissjoni Intergovernattiva ma tikkonformax ma' deċiżjoni tat-tribunal arbitrali. Għal dak l-għan, jenħtieġ li Franza żżomm id-dritt li taġixxi b'mod unilaterali, fejn ikun meħtieġ, sabiex tiżgura l-applikazzjoni sħiħa, korretta u rapida tad-dritt tal-Unjoni fuq il-parti taċ-Channel Fixed Link taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha.

(11) Sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġuridika effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, il-qrati jew it-tribunali li għalihom japplika l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jenħtieġ li jkunu esklużivament kompetenti għar-rikorsi li jsiru mill-konċessjonarji u mill-utenti taċ-Channel Fixed Link kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Intergovernattiva.

(12) L-elementi deskritti fil-Premessi (8) sa (11) jenħtieġ li jiġu riflessi fil-ftehimiet internazzjonali bejn Franza u r-Renju Unit rigward iċ-Channel Fixed Link. Dawk il-ftehimiet internazzjonali jenħtieġ li jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni f'kull aspett,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni hawnhekk tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom Franza tingħata s-setgħa biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali ("il-Ftehim li Jissupplimenta") mar-Renju Unit li jissupplimenta t-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Bini u t-Tħaddim minn Konċessjonarji Privati ta' Channel Fixed Link ("it-Trattat ta' Canterbury") fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja fiċ-Channel Fixed Link.

Tali ftehim internazzjonali għandu jidħol fis-seħħ wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) sabiex jinżamm reġim unifikat tas-sikurezza fuq iċ-Channel Fixed Link kollu, il-Kummissjoni Intergovernattiva għandha tiżgura l-applikazzjoni, fir-rigward taċ-Channel Fixed Link, tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja"), li huma rilevanti għall-kompiti tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza fis-sens tal-Artikolu 3, punt (7), tad-Direttiva (UE) 2016/798, u b'mod partikolari tar-Regolament (UE) 2016/796 u d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, kif emendati jew sostitwiti, kif ukoll ta' atti adottati abbażi ta' dawk l-atti legali;

(b) fejn tilwima mressqa għall-arbitraġġ f'konformità mal-Artikolu 19 tat-Trattat ta' Canterbury tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, it-tribunal arbitrali ma għandux ikollu s-setgħa li jiddeċiedi dwar kwalunkwe tali kwistjoni. F'tali każ, it-tribunal arbitrali għandu jitlob deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni. Id-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun vinkolanti fuq it-tribunal arbitrali;

(c) fejn ikun meħtieġ, b'mod partikolari f'ċirkustanzi ta' urġenza jew f'każ li l-Kummissjoni Intergovernattiva ma tikkonformax ma' deċiżjoni tat-tribunal arbitrali, Franza għandu jkollha d-dritt li taġixxi b'mod unilaterali bil-ħsieb li tiżgura l-applikazzjoni sħiħa, korretta u rapida tad-dritt tal-Unjoni fil-parti taċ-Channel Fixed Link taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha;

(d) il-qrati jew it-tribunali li għalihom japplika l-Artikolu 19(1) TUE għandhom ikunu esklużivament kompetenti biex jiddeċiedu dwar ir-rimedji mitluba mill-konċessjonarji u mill-utenti taċ-Channel Fixed Link kontra deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni Intergovernattiva fil-kapaċità tagħha bħala awtorità nazzjonali tas-sikurezza fis-sens tal-Artikolu 3, punt (7) tad-Direttiva (UE) 2016/798;

(e) il-ftehim irid ikun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni f'kull aspett.

Artikolu 2

Franza għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata b'mod regolari dwar in-negozjati li jsiru mar-Renju Unit dwar il-Ftehim li Jissupplimenta u, fejn ikun xieraq, tistieden lill-Kummissjoni tipparteċipa fin-negozjati bħala osservatur.

Meta jitlestew in-negozjati, Franza għandha tissottometti l-abbozz li jirriżulta minnhom tal-Ftehim li Jissupplimenta lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

Fi żmien xahar mir-riċezzjoni tal-abbozz tal-Ftehim li Jissupplimenta, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li huma jkunu ssodisfati, Franza tista' tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim li Jissupplimenta.

Franza għandha tipprovdi lill-Kummissjoni kopja tal-Ftehim li Jissupplimenta fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu jew, fejn il-Ftehim li Jissupplimenta jkun irid jiġi applikat proviżorjament, fi żmien xahar mill-bidu tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2020.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
D. M. SASSOLI	M. ROTH